# SFIDI GĦAS-SETTUR BANKARJU



EDWARD SCICLUNA / Ministru tal-Finanzi




Il-banek ġew mitluba li jwarrbu flus, liema flus jiġu allokati f'fond singolu Ewropew

Il-maġġoranza tan-nies iqisu l-banek bħala istituzzjonijiet serji u li wieħed għandu jafda li saħansitra wieħed ma jaħsibhiex darbtejn sabiex jinvesti flusu mal-banek. Din il-fiduċja fil-banek ġejja mill-fatt li l-ġenituri jinkoraġġixxu lit-tfal tagħhom mhux biss li jfaddlu iżda anke li jkollhom kont bankarju.

Din l-abitudni hija ta' min jinkoraġġiha mhux biss għall-ġid tal-individwu imma anke għat-tkabbir tal-ġid ekonomiku għax in-negozjant li jkun irid ikabbar l-attività tiegħu u joħloq aktar postijiet tax-xogħol, ikollu bżonn jissellef kapital ta' flus mill-banek. B'hekk ir-rota tkompli ddur.

U allura, mistoqsija f'waqtha hija jekk din il-fiduċja fil-banek hiex tonqos wara l-kriżi li għaddew minnha ċerti banek barranin, tort ta' ċerti prattiċi ħżiena li ħaddnu, fosthom il-prattika magħrufa bħala *subprime lending*. Fi kliem sempliċi, dan ifisser li bank isellef flus lil individwi sabiex jixtru dar meta dawn l-istess individwi ma jkollhomx xogħol u dħul regolari sabiex iħallsu lura s-self li jkunu għamlu.

Din kienet is-sitwazzjoni tal-banek Amerikani u f'ċerti pajjiżi oħra, liema sitwazzjoni wasslet biex fallew bosta banek. Wieħed irid isemmi wkoll li banek oħra ma fallewx għax kien hemm il-gvernijiet f'dawn il-pajjiżi li sellfu biljuni kbar ta' dollari jew ewros lil dawn il-banek sabiex jagħmlu tajjeb għattelf, prassi li hi magħrufa bħala *bailout*. Din hi l-istorja li ġrat f'bosta pajjiżi.

Is-sitwazzjoni f'Malta kienet ferm differenti. Il-banek Maltin ma għaddewx mill-istess destin; baqgħu sodi. Din ma kinitx xi kumbinazzjoni imma frott il-prattiċi tajbin li l-banek tagħna iħaddnu, l-iskrutinju li jagħmlu fuq il-klijent, anke jekk xi kultant ikun hemm min jikkritika lill-banek tagħna li huma burokratiċi żżejjed, u riżultat li għandna Regolatur sod fuq is-Sevizzi Finanzjarji. Dan kollu wassal biex din il-kriżi fis-settur tal-banek ma laqtitx lill-banek li joperaw minn Malta.

Huwa għalhekk każ li jistona r-rapporti u d-diskorsi li qegħdin jintqalu dan l-aħħar fuq ċerti prattiċi li allegatament qegħdin iseħħu f'uħud mill-banek ewlenin ta' pajjiżna. Allegazzjonijiet bħal dawn jinkwetaw linnies u jitfgħu dell ikraħ fuq is-settur bankarju Malti, mhux biss jibqa' f'pajjiżna imma anke jmur barra minn xtutna.

Il-mistoqsija allura hija: x'inhu jiġri? X'inhi l-verità? Minħabba l-kriżi dinija f'dan is-settur, kif għadni kemm spjegajt, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali ewlenin imponew aktar regolamenti u obbligi fejn jidħol il-kapital li dawn il-banek irid ikollhom kif ukoll fuq il-livell ta' self li dawn il-banek ikunu taw u li fuq liema self ma jkunx qed jitħallas lura kif miftiehem, dak li huwa magħruf bħala *non-performing loans*. Barra minn dan, il-banek, sat-tmien snin li ġejjin, ġew mitluba li jwarrbu flus, liema flus jiġu allokati f'fond singolu Ewropew li jagħmel tajjeb jekk xi bank Ewropew ifalli. F'każijiet bħal dawn, il-flus jintużaw biex isaħħu dan il-bank biex ma jfallix.

Fil-każ tal-banek li joperaw minn Malta, dan il-fond se jkun ta' bejn €70 u €80 miljun. Skema oħra tiżgura li d-depożitanti jieħdu parti mill-flus li kienu ddepożitaw ma' dak il-bank li jkun falla u allura ma jkunx il-gvern ta' fejn jopera dak il-bank li jħallas il-kumpens lid-depożitanti.

Minħabba dawn l-obbligi ġodda, il-banek qed jirristrutturaw ruħhom u qed iwaqqfu dipartimenti speċjali li jevalwaw ir-riskju marbut ma' kull self li jagħtu. Dan se jwassal biex ikun hemm aktar skrutinju, speċjalment fejn jidħol self għan-negozju. Fil-fatt il-banek madwar iddinja, imma b'mod partikolari fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea, qed jidhru koroh u kkritikati li qegħdin ixekklu t-tkabbir tan-negozju. Però wieħed irid iżomm f'moħħu li jekk dawn il-banek isellfu mingħajr skrutinju imbagħad jirriżulta li n-*non performing loans* ta' dak il-bank jiżdiedu u l-bank jiġi imwissi mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Però l-banek qed ikollhom ukoll josservaw regolamenti u obbligi oħra liema regoli ġew imdaħħlin sabiex jiġi miġġieled it-terroriżmu, il-korruzzjoni, il-ħasil ta' flus u l-iffinanzjar ta' attività illegali bħal ma huma l-bejgħ ta' armamenti u t-traffikar ta' droga. Kienet l-Amerika li bdiet tagħmel pressjoni biex ikun hemm aktar kontrolli f'dan il-qasam. Dan wassal sabiex jiddaħħlu regolamenti iebsin li istituzzjonijiet li jkunu se jaċċettaw depositi ta' flus, iridu jaċċertaw li dawn il-flus ikunu ġew minn attività legali.

Dawn ir-regolamenti qed iwasslu għal sitwazzjoni fejn qed ikun ferm diffiċli jekk mhux impossibbli li individwi u negozjanti li joperaw minn pajjiżi li mhumiex Ewropej, jittrasferixxu flus f'banek Ewropej fosthom dawk Maltin, ħalli jagħmlu n-negozju.

Dan qed iwassal ukoll f'diffikultajiet li negozjanti Maltin jagħmlu investiment u negozju f'pajjiżi li m'humiex pajjiżi Ewropej, pajjiżi li minħabba li qegħdin jiżviluppaw ifisser li aktar hemm potenzjal ta' investiment u opportunità ta' negozju. Meta jsir negozju bejn kumpaniji Maltin u dawk barranin, il-ħlas għax-xiri tal-prodotti jew servizzi jew investiment, isir billi jiġu trasferiti l-flus mill-bank Malti għal bank ieħor barrani li miegħu l-bank Malti jkollu ftehim ta' ko-operazzjoni, dak li huwa magħruf bħala *correspondent bank*.

Minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħna u r-regolamenti iebsin li daħħlu f'dan il-qasam, bosta *correspondent banks* Amerikani u ta' pajjiżi oħra, qed jieqfu milli jkomplu jaħdmu mal-banek li joperaw minn Malta. Ir-raġuni li qed jiġbu hi dak li peress li Malta tinsab f'pożizzjoni ġeografika viċin l-Afrika ta' Fuq, ir-riskju, f'termini tar-regolamenti, huwa ferm ikbar u allura jippreferu li ma jagħmlux tranżazzjonijiet ma' banek li joperaw minn Malta.

> ***Dan kollu wassal biex din il-kriżi fis-settur tal-banek ma laqtitx lill-banek li joperaw minn Malta.***

Dan qed iwassal għal negozju aktar diffiċli biex timplimenta u għalhekk trid toqgħod attent li ma twassalx lin-negozjanti jaqtgħu qalbhom u jieqfu milli jagħmlu negozju f'pajjiżi bħal Libja, Alġerija u l-pajjiżi tal-Lvant Nofsani, inkluż l-Iran.

Semmejt b'mod partikolari l-Iran għax dan hu pajjiż li għadu kif tneħħewlu s-sanzjonijiet kummerċjali, huwa pajjiż li għandu ż-żejt u pajjiż b'saħħtu u allura hemm prospetti sbieħ li jsir negozju ma' dan il-pajjiż, issa li jista' jibdew jagħmlu negozju ma' kull pajjiż mingħajr ebda xkiel.

Dwar din il-qagħda tal-banek fejn jidħol l-Iran, aħna l-pajjiżi Ewropej qed neħduha b'serjetà kbira. Fil-fatt fl-aħħar laqgħa tal-ECOFIN li saret fi Brussel, tkellimna ma' uffiċjal għoli Amerikan responsabbli għall-Affarijiet Barranin biex naraw jekk il-problema hiex ġejja minn naħa Amerikana jew minn sorsi oħra.

Qalulna li l-istandards fl-Iran għadhom ma ġewx aġġornati bħal dawk fl-Ewropa. Dan hu minnu għax fil-banek Ewropej inklużi Maltin qed jiġu investigati kontijiet bankarji li nfetħu saħansitra anke 15-il sena ilu u jekk jirriżulta li hemm ċerti dubji fuq min huma l-benefiċċjarji ta' dawn il-kontijiet bankarji, ir-Regolatur, li fil-każ ta' Malta huwa l-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU), jinsisti li dawn il-kontijiet bankarji jingħalqu.

Dan hu proċess li qed isir minħabba l-bdil tar-regolamenti li ma jfissirx li fil-passat xi bank ma kienx mexa skont ir-regolamenti li kienu fis-seħħ f'dak iż-żmien partikolari. Dan il-proċess juri kif Malta għandha dawk l-istrutturi regolatorji sabiex il-qasam finanzjarju jibqa' jżomm l-istandards għoljin.

Imma wieħed ma jridx ma jwissiex fuq il-ħsara kbira li tkun qed issir, meta ċerti midja, b'mod sensazzjonali, timplika li l-banek li joperaw minn Malta qegħdin ikunu nvoluti f'xi ħasil ta' flus.

Din altru li m'hix il-verità tal-fatti. Il-fatti huma li għandna kemm ir-Regolatur ta' kontra il-ħasil tal-flus, il-FIAU, kif ukoll ir-Regolatur Finanzjarju, l-MFSA, li qed jagħmlu xogħolhom, liema superviżjoni tas-settur twassal sabiex id-dubji li jista' jkun hemm jitneħħew.

Bħal kull ħaġa oħra, il-maġġoranza assoluta tan-negozju li jsir huma leġittimi u ma hemmx involut xi forma ta' korruzzjoni, ħasil ta' flus, iffinanzjar ta' armamenti u prattiċi illeċti. Ejja ma nkabbrux l-affarijiet u l-eċċezzjoni nagħmluha r-regola. Hu fl-interess ta' pajjiżna li kull wieħed u waħda minna nagħtu sehemna ħalli nkattru n-negozju biex tkompli tikber l-ekonomija u jinħolqu aktar postijiet tax-xogħol.